# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Awwissu 2026

NR 164/2026 | L-Istatistika tal-Prezzijiet | Data tal-Ħruġ: **17/09/2026**

AQSAM



Abbona fin-Newsletter tagħna





## Il-Punti ewlenin

- F'Awwissu 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-HICP kienet ta' 2.0 fil-mija, tnaqqis mit-2.1 fil-mija tax-xahar ta' qabel.
- Ir-rata medja ta' tnax-il xahar għal Awwissu 2026 kienet ta' 2.3 fil-mija.
- L-akbar kontribut għaż-żieda tal-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tar-Ristoranti u l-akkomodazzjoni (+0.41 punti perċentwali), filwaqt li l-kontribut li l-aktar li naqqas l-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tal-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (-0.16 punti perċentwali).

## Il-Kummentarju

*F'Awwissu 2026, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-HICP kienet ta' 2.0 fil-mija, tnaqqis mit-2.1 fil-mija tax-xahar ta' qabel.*

**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

L-ogħla rati tal-inflazzjoni annwali f'Awwissu 2026 kienu rreġistrati fil-Kura personali, ħarsien soċjali, u prodotti u servizzi mixxellanji (3.7 fil-mija) u fir-Rikreazzjoni, sport u kultura (3.2 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati baxxi tal-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (-3.4 fil-mija) u fl-Assigurazzjoni u servizzi finanzjarji (0.7 fil-mija) (Tabelli nri 1 u 3).

**Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni**




L-Indiċi tar-Ristoranti u l-akkomodazzjoni (+0.41 punti perċentwali), l-Indiċi tal-Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u tipi ta' karburanti oħra (+0.28 punti perċentwali), u l-Indiċi tat-Trasport (+0.28 punti perċentwali) irreġistraw l-akbar kontributi għaż-żieda tal-inflazzjoni annwali. Dawn kienu ġejjin l-aktar minn prezzijiet ogħla tas-servizzi tar-ristoranti, tas-servizzi tal-manutenzjoni tad-dar, u tas-servizzi tat-trasport bit-triq, rispettivament.

L-Indiċi tal-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (-0.16 punti perċentwali) irreġistra kontribut li naqqas ir-rata tal-inflazzjoni annwali minħabba prezzijiet aktar baxxi ta' servizzi tal-mowbajl (Ċart nru 2 u Tabella nru 4).

**Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tlettax-il taqsima ewliena tat-tieni verżjoni tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni**

*Xahar ta' riferenza - Awwissu 2026*




Noti:

1. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tqabbel l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ta' Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'Awwissu 2026, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 2.0 fil-mija, 1.2 punti perċentwali aktar baxxa mir-rata ta' 3.2[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

**Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro**




Sors: NSO u Eurostat.

L-Istatistika tal-Prezzijiet

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Lulju 2026

L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Lulju 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Ġunju 2026

L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Ġunju 2026

L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà Residenzjali (RPPI): K1/2026

**Temi Oħra Relatati**

Il-Proprjetà

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

prices.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula